MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2013

Numru. 294/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**GERALD DEPARES**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Gerald Depares ta' 46 sena iben Emmanuel u Mary xebba Mifsud, imwieled l-Pieta' nhar 08/06/1966, u residenti Blk 4, Triq Marsamxett, Valletta detentur tal-karta ta' l-identita numru: 254166(M).

Gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fil-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' Marzu, 2013, fl-inhawi ta' Marsamxett fil-Belt Valletta,

1) Ikkaguna hsara volontarja, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cio diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara tiskorri 1,164.69ewro ghad dannu ta' Carmel Saliba, Joseph Cauchi u Nicolette Micallef u dan bi ksur *tal-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2) U aktar talli f'lok pubbliku jew miftuh ghal pubbliku, kien jinstab f'sakkra b'mod li ma setghax jiehu hsieb tieghu innifsu u dan bi ksur *tal-Artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

3) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku u dan bi ksur *tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*
4) U aktar talli fl-istess data, lok u hin kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, datata 26 ta' April 2012 mill-Magistrat Dott. Anthony G Vella BA. LL.D. M.A.

Il-Qorti giet mitluba biex tikkunsidra l-imputat recidiv ai termini *tal-artikli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhal Dok. GS3 u nnutat li l-imputat Gerald Depares m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 325(1)(a), 338(ff) u 338(dd) tal-Kap. 9 u l-art. 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Gerald Depares, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, tillibera lill-istess imputat Gerald Depares taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-imputat Gerald Depares ghall-piena ta' sitt mitt Ewro (Ewro 600) multa.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Gerald Depares l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------